# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 10 ta' Gunju, 2021**

**Talba Nru: 109/2021 PM1**

**Smina Poultry Products Limited (C22868)**

**Vs**

**David Santillo (ID 545977(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sebgha (7) t'April, 2021 illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' €993.27 rapprezentanti prezz ghall-prodotti ta' tigieg suppliti lilu u spejjez extra gudizzjarji in konnessjoni ma' ittra legali mibghutha lilu, bl-imghaxijiet legali kummercjali mill-24 t' Awwissu, 2020 u bl-ispejjez inkluz tal-mandat ta'sekwestru kawtelatorju kontestwali.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti tat-24 ta' Mejju, 2021 u tat-3 ta' Gunju, 2021.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba, inkluza l-ittra legali interpellatorja u l--istatement relattiv ghall-provvista maghmulha mis-socjeta`attrici lill-istess konvenut.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tat-3 ta' Gunju, 2021 li permezz taghha, fost ohrajn, ikkonfermat bil-gurament taghha illi s-somma mitluba ghadha kollha dovuta mill-konvenut lis-socjeta` attrici a bazi ta' dak indikat fl-istess talba odjerna. Ikkonfermat ukoll il-kontenut tal-avviz tat-talba u kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess. Stqarret li ma sar ebda tentattiv da parti tal-intimat illi jikkomunika mas-socjeta` attrici jew jipprova jwettaq xi pagament u dan minkejja l-interpellazzjonijiet relattivi, salv il-moghdija ta' cekk li gie riferut lura.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikat l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduti tal-24 ta' Mejju, 2021 u tat-3 ta' Gunju, 2021 lanqas ma prezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta ampjament pruvat mid-dokumenti ezebiti a sostenn tal-istess talba mal-avviz odjern oltre li jirrizulta wkoll dovut, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi, mill-intimat lis-socjeta` attrici skont ix-xhieda moghtija mir-

rapprezentant tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-3 ta' Gunju, 2021. Fir-rigward tal-imghaxijiet, tenut kont tan-natura kummercjali tal-provvista mertu ta'din l-azzjoni, hija gustifikata t-talba li dawn jibdew jiddekorru mill-24 t' Awwissu, 2020 u cioe` 30 jum wara l-ahhar ordni u dana referibilment ghas-somma ta'€969.67 prezz ghall-provvista mertu tal-istess azzjoni. Fir-rigward tal-ispejjez extra gudizzjarji relattivi ghall-ittra legali, ammontanti allura ghal €23.60 dawn qed jigu meqjusa bhala ragjonevoli u kwindi dovuti wkoll mill-intimat bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika lilu tal-avviz odjern fit-12 ta' Mejju, 2021.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' disa' mija u tlieta u disghin euro u sebgha u ghoxrin centezmi (€993.27) rapprezentanti prezz ta' provvista imwettqa mis-socjeta` attrici lill-konvenut u wkoll spejjez extra gudizzjarji bl-ispejjez u drittijiet, inkluz dawk relattivi ghall-mandat ta' sekwestru kontestwali u bl-imghaxijiet legali sa mill-24 t' Awwissu, 2020 fir-rigward tas-somma ta' disa' mija u disgha u sittin euro u sebgha u sittin centezmi (€969.67) u mid-data tat-12 ta'Mejju, 2021 fir-rigward tal-bilanc ta' tlieta u ghoxrin euro u sittin centezmi (€23.60) kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**